# Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)
## Ħajtu, ħidmietu, xogħlijietu
### Mija u ħamsin sena minn twelidu




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Għal dawn l-aħħar erba' sekli pajjiżna dejjem ipproduċa mużiċisti, kantanti, kompożituri, u diretturi ta' kwalità li jħabbtuha sewwa mal-aqwa mustaċċuni barranin. Fost dawn it-talin insibu lis-Surmast Antonio Miruzzi li għamel isem sabiħ għalih kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Kif inhu xieraq, matul din is-sena, ħafna baned Maltin u Għawdxin qed jiċċelebraw il-150 anniversarju mit-twelid tiegħu, speċjalment dawk il-ħafna baned li kellhom ix-xorti li jdoqqu taħt il-bakketta tiegħu. Għaldaqstant, dan l-artiklu isellem il-memorja ta' bniedem li ddedika ħajtu kollha għall-arti tant sabiħa tal-mużika li hi r-ras tal-*Belle Arti.*

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Innu Solenni, Innu di Gloria, Innu Tifħir, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).




Xogħol għall-banda ta' Miruzzi miktub f'Tunis

Ħajja: Mro. Antonio Miruzzi twieled il-Furjana fl-10 ta' Ottubru 1867 minn Ġużeppi u Mikelina, imwielda Brincat. Kellu jsib kenn fl-orfanatrofju tal-Belt Valletta wara li safa ltim meta kellu sitt snin. Skont Vella Bondin[1], Miruzzi tgħallem it-teorija, il-pjanu u strumenti oħra mingħand iz-ziju Paolo, li għamel xi żmien surmast-direttur tal-Banda 'La Valette'. Fotunatament, id-direttur tal-orfanatrofju nduna bil-ġibda u t-talent taż-żagħżugħ lejn il-mużika u bagħtu jissokta bl-istudji tiegħu f'konservatorju Taljan meta kellu biss sbatax-il sena. Hemmhekk, huwa tħarreġ sew kif għandu jikteb fl-istili tal-aqwa kompożituri Romantiċi Taljani fosthom, Giuseppe Verdi. Wara li temm b'suċċess il-kors tiegħu, Miruzzi xtaq jimxi fuq il-passi ta' zijuh. Għaldaqstant, huwa imbarka fuq bastiment navali bħala mużikant bil-għan li eventwalment jilħaq *bandmaster*. Izda, dal-ħsieb tiegħu ma rnexxiex. Sadattant, hu laħaq żżewweġ lil Konċetta u flimkien telgħu Tuneż biex hu iwaqqaf banda fuq xewqa tal-Maltin li kienu jgħixu hemmhekk. Wara sitt snin reġa' niżel lura lejn art twelidu u ddeċieda li jibni karriera mużikali fi ħdan il-baned Maltin u Għawdxin.



Iż-żagħżugh Antonio Miruzzi fil-bidu tal-karriera mużikali tiegħu

Ħidma: Il-karriera mużikali tiegħu hawn Malta bdiet fl-1890 meta ntagħżel biex jibda jgħallem lill-allievi bħala *Maestro Istruttore* fi ħdan is-Soċjetà

[1] Vella Bondin Joseph: 'Il-mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin. Pin, Malta (2000).

Filarmonika Nazzjonali 'La Valette'. Fl-istess sena wkoll, laħaq surmast-direttur ta' żewġ baned, 'La Vincitrice' (Isla) u 'Leone' (Victoria, Għawdex). Iżda, ma' dawn dam biss ftit snin. Mill-1894 'il quddiem imbagħad, naraw lil Miruzzi jibda jieħu banda wara l-oħra u li magħhom bena karriera twila ta' 'l fuq minn erbgħin sena. Il-baned u entitajiet mużikali li hu mexxa kienu dawn: 'La Valette' (Valletta), 'I Cavalieri di Malta' (Sliema), 'San Piju X' (Ħal Lija), Sant' Andrija' (Ħal-Luqa), 'San Ġużepp' (Ħamrun), kif ukoll, il-Banda 'Beland' (Żejtun). Baned oħra li kienu taħt idejh huma s-soċjetajiet filarmoniċi ta' 'Sta. Marija' (Mosta) u 'San Ġorġ' (Bormla), il-banda tal-Orfni tal-Belt, kif ukoll l-Orkestra Mandolinistika 'La Valette' fi ħdan il-Banda li ġġib l-istess isem. Tista' tgħid li, ix-xogħol ta' Miruzzi ma' dawn il-baned kollha ma kienx jikkonsisti biss f'li joqgħod jidderiġiehom. Huwa kien ikun responsabbli wkoll, mit-tagħlim tal-istudenti, il-provi tal-allievi, it-tħejjijiet ta' programmi, u l-arranġamenti mużikali u/jew xogħlijiet ġodda li kien marbut biex jikteb. Jgħidu li, Miruzzi kien bniedem soċjevoli, dħuli, b'manieri sinjorili, imma waqt il-provi u/jew l-esekuzzjonijiet m'hemmx ċajt. Skont Mifsud Matrenza[2], 'l-istatura u l-personalità, speċjalment meta jkun fuq il-podju, kienet titlob attenzjoni sħiħa mill-bandisti u ammirazzjoni kbira mis-semmiegħa.' Iżda, minkejja li forsi kien xi ftit strett u eżiġenti, kawża tad-dixxiplina severa li kienu jimxu biha dak iż-żmien, 'ħafna bandisti kienu japprezzaw il-parir tiegħu, u jammarawh ħafna għall-mod ta' kif kien jgħallem, u għad-direzzjoni impekkabbli tiegħu.'[3]



Ritratt ta' Miruzzi ta' mezza età

Xogħlijiet: Ċertament li, hawnhekk huwa impossibli li noqgħodu nsemmu b'isimhom l-għexieren kbar ta' kompożizzjonijiet li ħarġu mill-pinna prolifika u versatili tiegħu. Jingħad li, Miruzzi kellu ħeffa tal-għaġeb meta jiġi biex jikkomponi biċċa mużika. Mro. Michael Chircop[4], isemmi aneddotu ħelu ta' meta darba fost l-oħrajn, Miruzzi kien f'xi ħanut tal-kafé, il-Belt, u f'ħin bla waqt ġieh motiv f'rasu, u talab lill-wejter biex jgħaddilu biċċa karta u fuqha ħażżeż marċ dak il-ħin stess. Hawn min saħansitra jqabbel il-pinna abbundanti tiegħu ma' dik ta' Franz Schubert peress li dan tal-aħħar kiteb 'il fuq minn sitt mitt *lieder*. Infatti, m'hawnx banda f'Malta u Għawdex li ma daqqitx xi xogħol minn ta' Miruzzi, jew li m'għandhiex xi mużika minn tiegħu merfugħa b'għożża fl-arkivju tagħha. Dan għaliex, 'ix-xogħlijiet tiegħu kollha għandhom valur mużikali mill-akbar peress li kollha juru xogħol ta' ħila artistika, ta' storja soċjali u reliġjuża, u ta' kultura mużikali.'[5] Miruzzi kiteb bosta xogħlijiet 'żgħar', 'medji', u 'kbar' f'kull forma immaġinabbli u fl-istil tiegħu, anki jekk influwenzat ħafna mix-xogħlijiet ta' kompożituri Romantiċi Taljani, speċjalment fejn jidħlu il-kisriet fil-melodija u l-ilwien fl-armonija. Uħud minn xogħlijietu saħansitra ġew ippremjati barra minn Malta.

Xogħlijiet 'żgħar': dawn jikludu innijiet popolari, reliġjużi, jew tal-banda bħalm' huma, il-marċ reliġjuż *O Del Cielo Regina* (1897), l-Innu-marċ *Maria Assumpta*, u l-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija'; marċi brijużi fi stil militari bħalm' huma, *Last Time* (1895), *Our President, Farewell!* (1903), *Lord Kitchener*, *Albert of Belgium, General Joffre, Serbia, The Heroes of Verdun, Victory, La Joyeuse, La Bizarra,* u *La Piccola Sonia*, u tant u tant oħrajn illi ħafna minnhom intilfu; marċi sinfoniċi, bħalm' huma, *Enea*, *Giorno di Festa*, *Maschilità*, *Mattino e Sera*, *Omaggio a Nicolò Isouard* u *Omaggio a San Giuseppe*, *Riconscenza*, u *Zoe*; marċi funebri, illi minnhom jingħad li kiteb madwar erbatax u li kienu ġew irregalati mill-kompożitur stess lil mhux inqas minn erba' baned li tagħhom kien direttur, bħalm' huma, *Cordoglio, Sconforto, Remembranze, Cadavere, Una Lacrima, Triste Pensieri, Rimpianto, Giorno di Pianto, Lagrime, Ai Miei Cari, Venerdì Santo,* u *Tristezza*.

---

[2] Kien l-istorjogarfu ewlieni tal-banda Ġużeppina Ħamruniża.
[3] Ibid.
[4] 'Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi', In-Nazzjon Tagħna, 26 ta' Jannar 1972. F'dan l-artiklu nsibu l-intervista li kien għamel lil bint Mor. Antonio Miruzzi.
[5] Ibid. 1.

Xogħlijiet 'medji': dawn jinkludu sinfoniji (jew *overtures*), bħalm' huma, *La Penseuse, Il barbiere di Siviglia (Rossini), La Panserisi, Lorna, Ogni principio è forte, Omaggio a Verdi,* u *Sinfonia no. 3 in Do minore*; fantasiji, bħalm' huma, *Amor Proibito, Oscar Dupont, Antico e Moderno, Fantasie Arabe,* u *L'Ideale*; u selezzjoni b'arranġament għall-banda bħalm' huma, '*Ernani' Atto IV, 'Faust'* (*Gounod), 'Gioconda' (Ponchielli),* u *Gran Reminiscenza di Verdi*.



Mro. Miruzzi lejn tmiem il-karriera brillanti mużikali tiegħu

Xogħlijiet 'kbar': Bla dubju ta' xejn, l-innijiet solenni huma fost l-aktar xogħlijiet importanti fir-repertorju vast tiegħu. Tlieta minn dawn għadhom jindaqqu sal-ġurnata tal-lum: '*Alla Beata Maria Vergine*', 'lil San Gejtanu', u 'lil Ġesù Salvatur'. Innijiet oħrajn jinkludu '*Maria Vergine del Mare'* u '*A Maria Vergine con voci puerili*', kif ukoll, *Gesù sul Tabor*. Jingħad ukoll li, Miruzzi kien kiteb l-Innu Solenni 'Sant' Andrea' għall-banda Luqija li ġġib l-istess isem, liema xogħol nemmen li għad isib id-dawl u jibda jindaqq ukoll.

Mużika ballabbli: dil-lista ma tispiċċa qatt. Jingħad li, tant kien iħobb idoqq mużika ballabli li dejjem kien idaħħal xi biċċtejn fil-bidu u fl-aħħar f'kull programm li kien jagħmel. Immaġinaw ftit dawk il-baned kollha li kellu f'idejh u dawk il-programmi kollha li kien ikollu ma' kull waħda minnhom.

Dawn il-bċejjeċ kienu jinkludu danzi, galoppi, gavotti, kwadrilji, mażurki, polki, valzi, serenati, kavatini, u x'naf jien.




Frotispizju tal-parti għall-vjolin tal-iStabat Mater in Re minuri

Mużika sagra: bħala kompożitur prolifiku ma setax jonqos li ma jiktibx f'dal-ġeneru wkoll fosthom, responsorji għall-Ġimgħa Mqaddsa, *Tantum Ergo* għal Tenur u Baritonu, u tnejn oħra għal Tenur u Baritonu rispettivament, *Vexilla Regis, Sette Parole, Ultima Parola,* kif ukoll, *Stabat Mater* għal orkestra. Sa sena biss qabel miet, kien għadu qed jaħdem fuq opra.

Għeluq: Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Qriema għal tliet raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġorġ li qed tiġi ċċelebrata ġewwa Ħal Qormi; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)